

31999R2780

28.12.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 334/20

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2780/1999**  
**tas-27 ta' Diċembru, 1999**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2449/96 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti annwali tat-tariffa għall-prodotti koperti bil-kodiċijiet NM 0714 10 91, 0714 10 99, 0714 90 11 u 0714 90 19 li joriġinaw f'ċerti pajjiżi terzi ħliet għat-Tajlandja**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju, 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet imniżżla fl-Iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negozjati tal-GATT XXIV.6 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2449/96 <sup>(2)</sup> jistabilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni għal ċerti kwoti annwali tat-tariffa li taħta prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 0714 10 91, 0714 10 99, 0714 90 11 u 0714 90 19 u li joriġinaw minn pajjiżi terzi ħliet għat-Tajlandja li jistgħu jiġu mpurtati fil-Komunità b'rata mnaqqa ta' dazju;
- (2) ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni jipprovdu għall-ħruġ ta' liċenzi ta' importazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri biss jekk il-Kummissjoni tiftiehem bil-quddiem għall-ħruġ tagħhom;
- (3) billi din id-dispożizzjoni qamet minn xewqa ta' amministrazzjoni kif imiss tal-kwoti, l-esperjenza turi li m'hijix meħtieġa u li tikkomplika l-amministrazzjoni;
- (4) għandha għalhekk titħassar, waqt li ssir dispożizzjoni sabiex il-Kummissjoni jkollha żmien suffiċjenti meta

liċenzi ta' importazzjoni jkunu qed jinħarġu biex tintervjeni ma' l-awtoritajiet nazzjonali meta jinqalgħu l-problemi;

- (5) il-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-ċereali,

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-paragrafi (4) u (5) ta' l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2449/96 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4. Il- liċenzi ta' importazzjoni għandhom għandhom jinħarġu fir-raba ġurnata tax-xogħol li jiġu wara d-data ta' meta jintbagħtu, minbarra fejn il-Kummissjoni tkun informat lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri permezz ta' fax jew telex li l-kondizzjonijiet għall-ħruġ tal-liċenzi in kwistjoni ma jkunu ġew imħarsa.

F'dawk il-każi l-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat ma' l-awtoritajiet tal-pajjiż terz ta' oriġini fejn meħtieġ, għandha tieħu l-miżuri xierqa.

5. Liċenzi ta' importazzjoni għall-prodotti li joriġinaw fl-Indonesja jew iċ-Ċina li fir-rigward tagħhom applikazzjonijiet jintbagħtu f'Diċembru għas-sena ta' wara m'għandhomx jiharġu qabel l-ewwel ġurnata tax-xogħol f'Jannar tas-sena in kwistjoni."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2000.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Diċembru 1999.

*Għall-Kummissjoni*

Margot WALLSTRÖM

*Membri tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 146, ta' l-20.6.1996, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 333, tal-21.12.1996, p. 14